# Aħbar Tajba

**L-Epifanija tal-Mulej** | Il-Ħadd 2 ta' Jannar 2022

Is 60, 1-6
Salm 71 (72), 1-2.7-8.10-11,12-13
Ef 3, 2-3a. 5-6
Mt 2, 1-12



"Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud?
**Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nqimuh."**

Tafu min hu Artaban? Naħseb li le, u ma nagħtikomx tort għax Artaban hu l-protagonist tal-ktieb ta' Henry Van Dyke 'The Other Wise Man'. Fih Henry jimmaġina li mat-tliet slaten maġi kien hemm ieħor jakkumpanjahom fil-vjaġġ u naturalment kellu hu wkoll rigal speċjali x'jagħti lis-sultan il-ġdid, borża peril (aħjar ħaġar prezzjuż).

Għalkem bdew l-avventura flimkien, jimxu wara l-istilla li kellha twassalhom għand Ġesù, Artaban jinduna b'raġel fqir. Kif rah tħassru u waqaf jgħinu. Artaban spiċċa nqata' lura minn sħabu l-maġi l-oħra li komplew il-vjaġġ tagħhom. Artaban iqatta' ħafna mill-ħin jipprova jilħaq lil sħabu imma kif jibda jnaqqas id-distanza jispiċċa jiltaqa' ma' xi ħadd fil-bżonn u l-qalb tajba tiegħu ma tħallihx ma jagħmel xejn! Mhux talli hekk, saħansitra jispiċċa jqassam il-perli (ħaġar) prezzjużi tiegħu lil dawk il-fqar li jiltaqa' magħhom matul it-triq. Fil-qasir spiċċa tilef wisq ħin u l-istilla ma baqgħetx tidher u mar lura d-dar mingħajr ma ltaqa' mas-sultan tal-kewkba.

Darba, ħafna snin wara, Artaban jgħaddi minn Ġerusalemm fejn isib paniku sħiħ fost il-poplu għax kienu għadhom kemm ikkundannaw lil xi ħadd magħruf għall-mewt. Artaban ħass qalbu tingħafas imma għalkemm xtaq jgħinu ma seta' jagħmel xejn. Iżda f'mument minnhom jisma' vuċi tgħidlu: "Titnikkitx Artaban. Ilek ħajtek kollha tgħini! Kont bil-ġuħ u tmajtni. Kont bil-għatx u tajtni nixrob. Kont barrani u dort bija".

L-istorja tispiċċa billi tgħidilna li Artaban mhux talli ma kienx tilef iċ-ċans li jiltaqa' mas-sultan tal-kewkba, anzi ltaqa' miegħu ħafna aktar minn darba waħda, jiġifieri kull darba li kien waqaf jgħin lil xi ħadd.

Għalkemm din hi biss storja frott il-fantasija, imma twassal ukoll dak l-ispirtu tal- l-Evanġelju li l-awtur li kiteb storja hekk sabiħa żgur laqat. Fuq kollox, il-festa tal-Epifanija tfakkarna li lkoll għandna rigal li nistgħu nagħtu lil Ġesù u kif kien iħobb jgħid Dun Ġorġ Preca, jekk trid tagħti rigal lil Ġesù, ibgħatulu mal-proxxmu. Hekk inkunu nistgħu nitolbu ma' San Injazju ta' Loyola biex Ġesù ftit ftit jibdilna f'persuni li huma stess ikunu rigal għal dawk ta' madwarhom.

"Ġesù, għallimni nkun ġeneruż. Għallimni nservik kif servejt int. Għalllimni nkun kapaċi nagħti mingħajr ma noqgħod nikkalkula. Ma rrid xejn aktar milli nkun naf li qed nagħmel dak li tixtieq minni."

## Sib il-Kelma

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | Ċ | G | Ħ | F | D | M | K | S | M |
| P | D | R | S | U | N | I | N | P | E |
| V | E | B | A | M | B | I | N | I | L |
| T | H | I | I | N | Ċ | E | N | S | K |
| N | E | D | R | P | A | I | N | T | I |
| G | B | A | L | T | A | Ż | A | R | O |
| A | M | I | A | T | E | M | A | Ġ | R |
| S | Ħ | K | E | W | K | B | A | A | N |
| P | I | Ġ | E | S | Ù | M | A | Ġ | I |
| A | M | I | R | R | A | D | A | T | I |
| R | Ħ | I | A | L | V | A | N | T | P |



Fittex dan il-kliem marbut mal-ġrajja li qed niċċelebraw illum: DEHEB, INĊENS, MIRRA, KEWKBA, MAĠI, LVANT, MELKIOR, GASPAR, BALTAŻAR, ĠESÙ, BAMBIN.



## Ir-rigali tal-maġi

Tafu li r-rigali tal-maġi, id-deheb, l-inċens u l-mirra, għandhom tifsira warajhom? Iva, dawn ir-rigali mhux biss kienu sbieħ u prezzjużi imma l-Evanġelista, sa mill-bidu tal-Evanġelju tiegħu, qed jippreparana biex nifmhu min hu verament Ġesù u għaliex ġie fid-dinja.

Ħafna drabi l-ewwel li nsemmu fost ir-rigali dejjem hu d-deheb. Min jaf forsi għax l-aktar li nixtiequ għalina minn dawn ir-rigali. Id-deheb huwa sinjal li l-Evanġelista juża biex jurina li din it-tarbija fqira kienet sultan, anzi l-akbar sultan li qatt se tara d-dinja. L-inċens, it-tieni rigal li ħafna drabi nsemmu, ħafna drabi llum nużawh fil-knisja. U bir-raġun għax dan dejjem kien marbut mal-qima li nagħtu lil allat. Hawn l-Evanġelista qed ifakkarna li mhux talli twieled sultan imma din it-tarbija hi wkoll l-Iben ta' Alla. L-aħħar rigal, il-mirra, hu forsi l-inqas wieħed li għadek issib. Il-mirra hi reżina li toħroġ minn xi siġar u li minnha jagħmlu żejt fin li ġieli kien jintuża fi żmien Ġesù fuq il-feriti. L-Evanġelista qed jippreparana li dan is-sultan li ġie mis-sema ma kienx se joqgħod komdu fuq tron imma kien se jgħix fost in-nies u bħalhom jgħix ħajja ta' tbatija u saħansitra se jagħti ħajtu għalihom.



### Din il-Ġimgħa...

**Ipprova sib ħin biex titlob quddiem Ġesù Ewkaristija. Ikun hawn knejjes li jkollhom diversi ħinijiet miftuħa għat-talb. Jista' jkun li fir-raħal tagħkom hemm ukoll kappella tal-adorazzjoni. Hekk matul din il-ġimgħa tkun tista' tgħix aħjar il-messaġġ kbir ta' din il-festa billi tqatta' ftit ħin tadura lil dak li tant iħobbok li saħansitra sar bniedem għalik!**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.**

**Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**




Ibagħtilna email fuq **info@mediacentre.com.mt**

**€3.50**

jew ordnaw online minn **sayitmalta.com**

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION